MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Numru. 645/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**versus**

**William Henry Bickle**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra William Henry Bickle ta’ 58 sena iben il-mejjet John u Dolores nee Brincat imwieled Paola, fis-6 t’Ottubru 1946, residenti fil-fond 25 Triq il-Milizia Naxxar u/jew Dolphin Flat 2 Triq Ġużeppi Despot Qawra detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 862646 (M)

2. Akkużat talli fl-14 ta’ Lulju 2005 ġewwa Tirq Ġużeppi Despot Qawra

a) bi vjolenza u theddid ġiegħel lil Alejsei Bayliss G 415 u lil Louis Attard G 368 bħala uffiċjali pubbliċi jaħgmlu jew ma jaħgmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz ai termini ta' l-artikoli 91 tal-Kap 9;

b) u aktar talli fl-istess post,d ata u ħin bil-ħsieb li jtelelf jew inaqqas il-ġieh ta' Aleksei Bayliss G 415 u lil Louis Attard G 368 weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, jew b'xi mod ieħor ai termini ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kolha tal-proċess inklużi l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Jannar 2006 sabiex il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-imputat biex il-proċeduri jkunu sommarji mogħti fl-1 ta' Frar 2006, (liema kunsens huwa kkonferma wara li kienu mogħti lilu ħin raġonevoli biex jaħsibha), ir-risposta ta' l-imputat li hu mhux ħati, u l-istqarrija ta' l-imputat magħmula fil-15 ta' Lulju 2005.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Mix-xhieda jirriżulta dan li ġej. Żewġ traffic wardens għamlu rapport lill-Pulizija li huma kienu mhedda mill-imputat. Il-Pulizija bagħtu għall-imputat.

**L-Istqarrija ta' l-Imputat**

6. Dan stqarr li kien għamel jum jaħdem u meta daħal biex jorqod wieħed mill-ġirien kien infurmawh li l-wardens kienu qed jagħtuh ċitazzjoni minħabba li kelu l-cover ta' l-indicator imkisser. Wieħed mill-wardens kien baqa' fil-karozza.

7. Skond l-istqarrija ta' l-imputat huwa informa lill-wardens li kien għadu dieħel id-dar u li kien laqat il-fanal il-lejl ta' qabel.

8. Mistoqsi jekk kienx qal lil wardens 'Nirwilkom għonqkom' u 'Minn qalbkom neħodomkom,' l-imputat wieġeb li ma kienx jaf li qal hekk għax kien għajjien. Dwar

l-għajjat, l-imputat qal li hu kien jgħajjat minnu biex jitkellem.

**Ix-Xhieda tal-Warden 414 Alexei Bayliss**

9. Xehed ukoll Warden 414 Alexei Bayliss xehed li l-imputat kien ħareġ mid-dar u kien qal li l-imputat ħa jilwilu għonqu (lill-warden). Ix-xhud ħassu mhedded bil-kliem. Il-warden kien diġa' qed jagħmel iċ-ċitazzjoni meta niżel l-imputat. Ġaladarba jitniżżlu xi dettalji fid-database, dawn ma jistgħux jitħassru. L-imputat kien għadu ġej mill-farm.

10. Din kienet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni.

11. Id-difiża ma ppreżentat ebda xhud.

12. L-imputat ħa b'id il-Warden 414 Alexie Bayliss u skuża ruħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

13. L-artikolu 91 tal-Kap 9 jgħid hekk:

'Kull min bi vjolenza je b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel meta jisntab ħati, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tliet snin.'

14. L-artikolu 92 jiddefinixxi x'inhu 'uffiċjal pubbliku'. L-artikolu jgħid hekk:

'Taħt l-isem ġenerali ta' 'Uffiċjal Pubbliku' jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, imam wkoll dawk kollha li huma maħtura skond il-Liġi sabiewx jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amminstrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.'

15. L-ewwelnett l-artikolu 18 tal-Kap 389 'Private Guards and Local Wardens Act' juri li l-warden għandu saħansitra s-setgħa li jarresta u jieħu għand il-Pulizija l-persuna li tkun qed tikser il-bye-laws relevanti. Meta jkun qed jaqdi dmirijietu l-Local Warden qed jamministra parti mis-setgħa esekuttiva u dan għaliex ikun qed jara li l-liġijiet ikunu mħarsin. Fid-dawl ta' l-artikolu 18 tal-Kap 389, il-Local Warden għandu jitqies bħala uffiċjal pubbliku skond id-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 92 tal-Kap

16. Dwar l-elementi ta' l-artikolu 91, il-Professur Mamo jikteb hekk:

'The law speaks of violence or threats. These constitute the material element of this crime which cannot therefore be committed without the use of coercion. Such coercion subsists when the public officer subjected thereto is compelled by violence or threats to do against his will that which he otherwise would not do. There is violence, therefore, whenever the will of the public officer is forcibly constrained or impelled into doing or omitting the act by means of force calculated to overwhelm his repugnanace or to overcome his resistance. As to the threats, the law does not make any distinction between verbal or written threats or threats arising form an a ct or a gesture. In other words the law is satisfied with any act calculated to inspire fear and t produce that moral coercion on account of which the public officer does or leaves undone something which left alone he would not or would do. This means that the threat must be relatively serious so that it creates a material apprehension in the mind of the public officer of a wrongful a harm to himself. If this condition is satisfied the crime subsists.

As to the purpose of the offender, the latter must have aimed at procuring or frustrating the doing by the public officer of an act appertaining to his office. Here lies the formal element of this crime.'[1]

[1] Professur Mamao Anthony: Notes On Criminal Law Part 2 page 40.

17. Dwar il-verżjoni tal-fatti, il-Qorti temmen il-verżjoni ta' warden 414 Alexei Bayliss – jiġifieri li tassew kien hemm theddida, tant li l-wardens ħassew li kellhom jirraportaw ik-każ fl-Għassa tal-Pulizija.

18. Mill-fatti jirriżulta li

(a) il-warden huwa uffiċjal pubbliku skond l-artikolu 92 tal-Kap 9;
(b) li saret theddida lil dawn l-uffiċjali (Ser nirwilek għonqok);
(ċ) li din it-theddida kienet intiża sabiex twaqqaf lill-wardens milli jkomplu biċ-ċitazzjoni.

19. Għaldaqstant il-fatti juru li jeżistu kemm l-element materjali tar-reat (it-theddid) kif ukoll l-element formali (li l-warden ma jwettaqx dmiru).

20. Minn dak li xehed il-warden, jirriżulta iżda li hu kien leħaq niżżel id-dettalji fid-database u dawn id-dettalji ma jistgħux jitħassru. Għalhekk ma jistax jingħad li l-warden m'għamilx dak li kellu jagħmel iżda li kien hemm **tentattiv** biex il-warden ma jagħmilx dmiru. **Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni iżda fil-livell ta' tentattiv biss.**

## It-Tieni Imputazzjoni

21. It-tieni imputazzjoni tirreferi għall-artikolu 252 tal-Kap 9. Dan l-artikolu huwa dwar il-malafama. Il-Qorti frankament tgħid li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-eżistenza ta' l-elementi meħtieġa għal dan ir-reat. Probabbli kollha f'moħħha l-artikolu 249(2) jew il-kontavenzjoni 339(1)(e). Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

## Konklużjoni

22. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 91, 92, u 252(1) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni fil-grad ta' tentattiv biss u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni. Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in

konsiderazzjoni li l-imputat u l-warden ħadu b'idejn xulxin. Il-fedina penali ta' l-imputat ma kenitx ippreżentata u għalhekk il-Qorti qed tqisha bħala waħda nadifa. Għalhekk il-Qorti, waqt li qed issib lil-imputat ħati kif deskritt aktar 'il fuq flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li jagħmel ebda reat għal żmein sitt xhur mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.

***23. Il-Qorti tfakkar li l-wardens huma protetti mhux biss bil-Kodiċi Kriminali iżda wkoll bil-kap 389. Għalhekk huma jridu junu rrispettati waqt il-qadi ta' dmirijiethom daqs kwalunkwe uffiċjal pubbliku ieħor.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------